# Kwadru Ex Voto

Max Farrugia

Il-bniedem f'kull okkażjoni li jesperjenza fil-ħajja jipprova jesprimi ruħu bil-mod kif jaħseb li huwa l-aħjar u kif iħoss li għandu jagħmel personalment. Hemm diversi modi kif wieħed jesprimi ruħu; bil-kelma, bil-kitba, permezz tal-arti, jew billi juri gratitudni b'xi rigal jew tifkira. Meta xi ħadd jagħmel wegħda hekk ukoll ikun qed jagħmel. Filwaqt li jkun qed jagħti kelma ta' raġel, jiġifieri li dak li jkun qed jgħid se jwettqu, bħala ringrazzjament għall-grazzja li jkun qala', jirregala tifkira li żgħira kemm tkun żgħira, turi li żamm kelmtu. Meta l-bniedem jagħmel wegħda reliġjuża jkun irid juri d-dgħufija u l-umiltà tiegħu, billi jdur lejn Alla, Ommna Marija jew xi qaddis għall-għajnuna u l-interċessjoni tagħhom.

Fil-Bibbja, fis-sezzjoni tas-Salmi, insibu dan li ġej dwar il-wegħdi: "Nidħol darek b'deħħiet maħruqa, Inroddlok il-wegħdi tiegħi, li ħarġu minn cofftejja, u wegħidhom fommi meta kont fil-hemm. Bedħiet, smien nidbaħlek maħruqa mal-bħur ta' xaħam il-kbiex, nidbaħ baqar u utiet. Ejjew isimgħu, inthom ilkoll li tibżgħu minn alla, ħa ngħidilkom x'għamel għalija.[1] Is-Salmista kien għamel diversi wegħdi meta kien fil-bżonn. Meta dawn ġew maqlugħa mar fit-tempju u offra s-sagrifiċċju li kien wiegħed. Il-wegħdi jistgħu jsiru b'modi differenti, u f'ħafna każi min ikun qala' l-grazzja mhux biss iwettaq dak li jkun wiegħed, imma waqt l-offerta, jew wara, ixandar il-grazzji maqlugħa. Dan jagħmlu permezz tal-kelma u f'ħafna każi jħalli xi tifkira li tibqa' xhieda ta' dak li seħħ. Dan isir billi joffri oġġetti votivi li f'ħafna każi jibqgħu permanenti.

F'diversi santwarji, knejjes u kappelli, b'mod speċjali dawk li jmorru lura fiż-żmien, insibu oġġetti differenti li jkunu ngħataw minn devoti, bħala ringrazzjament għal wegħda maqluwa li huma magħrufa bħala ex voto. Il-kelma voto ġejja mil-Latin, u tfisser wegħda. Fost it-tifkiriet votivi li jingħataw insibu diversi kwadri mpittra fuq l-injam, tila jew karta, xbihat żgħar tal-metal miksija bil-fidda, jew tal fidda, biċċiet tal-ħbula, ktajjen, balal ta'

*Ritratt tal-kwadru Ex-Voto li jinsab fil-mużew taċ-Ċentru Parrokkjali tal-Parroċċa.*



kanuni, manetti tal-ilsiera, xi biċċa qlugħ u diversi oġġetti oħra li jkollhom konnessjoni mal-wegħda. Insibu wkoll graffiti mal-ħitan tal-ġnub jew faċċata ta' knejjes u kappelli li wkoll jissimbolizzaw il-wegħda. Oġġetti mogħtija li kienu jkunu ta' aktar preġju huma ornamenti personali bħal ċrieket, brazzuletti, ktajjen tad-deheb jew fidda, barbazzalli u labar. Dawn f'ħafna każi kienu jkunu ornamenti li min għamel il-wegħda kien ikollu l-aktar għal qalbu u għalhekk kienet tkun ferm diffiċli li jinfired minnhom.

Illum il-ġurnata l-oġġetti konnessi mal-wegħdi nbidlu ħafna. Jekk wieħed iżur is-santwarji tal-Madonna Tal-Ħerba, f'Birkirkara, Ta' Pinu f'Għawdex, Tal-Għar fil-Mellieħa, u Tal-Ħlas f'Ħal Qormi, fost oħrajn, jara kif l-ex voto nbidlu matul iż-żminijiet. Ta' min wieħed isemmi li ċerti oġġetti mogħtija kien ikollhom ukoll sinifikat. F'dawn il-postijiet, minbarra l-ex voto l-antiki nsibu wkoll dawk moderni, bħal bsaten, krozzi, ilbies ta' trabi, medalji li jkunu ngħataw bħala unur f'xi gwerra, ritratti tal-individwi u ħafna oġġetti oħra differenti. Barra minn hekk, fi żmien meta l-biċċa l-kbira tal-popolazzjoni Maltija kienet tgħix mill-biedja, insibu dokumentati wegħdi marbuta mal-prodotti tal-għelieqi. Meta dawn il-familji kien ikollhom mard fil-familja kienu jirrikorru għand il-Madonna jew qaddisin partikulari u jwiegħdu li jekk jaqilgħu l-grazzja mitluba, joffru żebbuġ, ħobż, qamħ, żejt u nbid skont kemm tiżen il-persuna li dwarha kienet issir il-wegħda, sabiex jitqassam lill-fqar.[2]

Fil-Mużew tal Parroċċa ta' Ħ'Attard, li hija ddedikata lil Santa Marija nsibu kwadru tal-ex voto wieħed. Jista' jkun li kien hemm aktar kwadri imma ma għadhomx jeżistu peress li matul il-Konċilju Regionali li nżamm f'Malata fl-1936[3] kien ġie deċiż li dawn jitneħħew mill-knejjes u jintrefaw banda oħra. Fil-biċċa l-kbira tal-każi ma sarux inventarji u b'hekk ma nafux eżatt x'kien hawn, u xi ntilef matul iż-żmien. Minbarra l-kwadri fil-Mużew tal-Parroċċa hemm ukoll ex-voto żgħir tal-fidda li kienu jingħataw l-aktar bħala wegħda għal fejqan mill-mard, jew ħlas ta' trabi b'saħħithom. Mal-ħitan ta' barra tal knisja parrokkjali nsibu wkoll graffiti li wkoll saru bħala wegħda. Il-biċċa l-kbira ta' dawn il-graffiti huma xwieni. Dawn ikunu saru minn individwi b'irbit mal-baħar.

Il-kwadru li jinsab fil-Musew tal Parroċċa huwa mpitter fuq biċċa injama. Il-qis tiegħu huwa madwar erbgħin b'għoxrin ċentimetru. Ma nafux la min huwa l-artist jew kif kien



*Waħda mill-graffiti ex-voto li jinstabu mal-ħajt tal-Knisja parrojali (in-naħa tal-kampnar).*

jissejjaħ dak iż-żmien il-madonnar, li pittru u lanqas min għamel jew għamlu l-wegħda għax l-unika kitba li hemm fuq in-naħa tal-lemin ta' dan l-ex-voto huma l-ittri V.F.G.A. u d-data 1789. Il-kwadru huwa dominat minn bastiment magħrufa bħala, brigantin, f'baħar imqalleb u maħkum minn mewġ għoli li qed iħabbat maż-żaqq u l-poppa tiegħu. Maż-żewġ arbli tiegħu magħrufa bħala tal-Majjistra u tal-mezzana hemm imtellgħa magħhom qlugħ. Dan it-tip ta' bastiment kien jintuża sa minn nofs fis-seklu tmintax. Il-brigantin mhux qiegħed itajjar ebda bandiera, imma mal-arblu prinċipali hemm biċċa drapp bajad forma ta' pendent. Fuq in-naħa tax-xellug ta' dan il-kwadru l-artist pitter għolja, filwaqt fuq in-naħa l-oħra hemm torri simili għal dawk li kienu nbew fi żmien meta Martin De Redin kien Granmastru tal-Ordni tal-Kavallieri ta' Malta. Dawn jagħtu indikazzjoni ċara li l-maltempata li l-brigantin inqabad fiha kienet viċin il-Gżejjer Maltin. Fir-rokna n-naħa ta' fuq tax-xellug ta' dan il-kwadru tal-ex-voto hemm f'xbieha tal-Immakulata Kunċizzjoni wieqfa qalb is-sħab b'serp u l-qamar taħt saqqajja. Għarkupptejh fuq il-lemin ta' din ix-xbieha hemm xbieha ta' San Ġużepp li għandu bastun bil fjuri f'idu, filwaqt li fuq ix-xellug Tagħha hemm San Filippu Neri. Fejn riġlejn ix-xbieha tal-Madonna hemm żewġ erwieħ tal-purgatorju qalb il-fjammi.

## References


[1] Il-Bibbja Saydon. Salm Nru. 66 versi minn 13 sa 16. Edizzjoni Societas Doctrinae Christianne. Malta 1990

[2] Farrugia Max, Id-Devozzjoni u l-Kult Marjan Fir Reġjun tan-Nofs in-Nhar, Malta 2019

[3] Concilium Regionalu Melitensi 1935, Valletta, Malta 1936



Maltco LOTTERIES

**Maltco Agent 357**

8, Triq il-Għenba, Attard

**Tel: 21415967 | Mob: 99445959**

Find us on: facebook